**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Jannar, 2018

Rikors Nru : 399/17AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti Simeon Borg, li permezz tieghu il-partijiet ippremettew :

1. Illi r-rikorrenti izzewweg lill-intimata fil-21 ta' Novembru 2008 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal – Dokument "A" kopja tac-certifikat taz-zwieg.
2. Illi fis-16 ta' Settembru 2013 il-kontendenti nfirdu minn xuxlin billi kull parti marret tghix separatament mill-ohra u fl-20 ta' Marzu 2014 fformalizzaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali li gie

ppubblikat min-Nutar Liza Schembri – kopja legali hawn annessa u markata bhala Dokument “B”;

3. Illi ma hemm ebda prospett ta’ rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
4. Illi r-rikorrenti ihossu li ghandhom jaqtghu kull rabta minn ma’ xulxin u jixtiequ li juzufruwixxu ruhhom minn dak li jipprovdi is-subtitolu IV tat-Titolu 1 tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (kif gie emendat bl-effetti tal-Att XIV tas-sena 2011) u allura li jiddivvorzjaw minn xulxin b’mod li kull legam bejniethom jinqata` darba ghal dejjem.
5. Illi ma hemm ebda hlas ta’ ebda manteniment dovut minn parti lil ohra, u dan ai termini tal-kodizzjonijiet stipulati fl-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni fuq riferit – ara kondizzjoni numru (2) tal-kuntratt hawn fuq riferut.
6. Illi l-partijiet huma t-tnejn residenti u domiciljati hawn Malta.

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. Tiddikjara u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti ghal ragunijiet fuq moghtija u cioe` li ilhom jinsabu separati legalment ghal aktar minn erbaċ snin u peress li ma hemm ebda possibilita` ta’ rikonciljazzjoni bejniethom u ;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien stabbilit minn din il-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku – kollox skont kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez li jigu sopportati ugwalment bejn il-kontendenti.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-31 ta’ Ottubru, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-20 ta' Marzu, 2014 u de facto separati mis-16 ta' Settembru 2013;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.